MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 877/2006

Antonello Cappitta ghan-nom u in rapprezentanza ta' European Institute of Education Limited
vs
Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-16 ta' Novembru 2006 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` Time & Trade International Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Antonello Cappitta ghan-nom u in rapprezentanza ta' European Institute of Education Limited li bih espona:

1. Illi s-socjeta` European Institute of Education Limited kellha relazzjoni kummercjali mas-socjeta` Time & Trade International Limited.

2. Illi s-socjeta` intimata ntrabtet u obbligat ruhha li tibghat numru ta' studenti Malta biex jitghallmu l-lingwa Ingliza u jinghataw dan is-servizz minghand is-socjeta` rikorrenti.

3. Illi s-socjeta` naqset li twettaq u tonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali minnha assunti.

4. Illi dan in-nuqqas wassal sabiex is-socjeta` rikorrenti tinkorri telf fid-dhul kif ukoll danni konsegwenzjali ghan-nuqqas tas-socjeta` intimata.

5. Illi Antonello Cappitta jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` Time & Trade International Limited inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali taghha u responsabbli ghad-danni li kkawzat lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` rikorrenti.

3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas dawk id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta` intimata li gie ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati minn Antonello Cappitta ghan-nom u in rapprezentanza ta' European Institute of Educational Limited

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L Hilda Ellul Mercer li biha esponew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors u rriservaw li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkunu edotti mill-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kuraturi Deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L Hilda Ellul Mercer.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fit-13 ta' Marzu 2007 Dr. Fenech Adami ddikjara li ma kienx irnexxielu jikkomunika ma' l-intimati in vista li Dr. Cardona nfurmah li m'ghandux indirizzi fejn jista' jikkomunika ma' l-intimati.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Bonnici li fih issemma li f'Settembru tas-sena 2005 ftehmu mad-ditta bl-isem Time & Trade International Ltd. biex grupp ta' studenti mill-Bangladesh jigu Malta biex jaghmlu kors ta' studju fuq ***management***. Dawn l-istudenti kienu gew f'Ottubru 2005 u wara ftit zmien hawn skoprew li Time & Trade International Ltd. kienu qalulhom li setghu jahdmu gewwa Malta, li jistghu jakkwistaw ***visa*** ghal kwalunkwe pajjiz iehor fl-Ewropa, illi l-flus li hallsu kienu jkopru tliet snin gewwa Malta. Minn dan kollu ma kien veru xejn u skoprew ukoll li kienu hallsu aktar mill-ammont miftiehem, ghalkemm Time & Trade International Ltd. kellu jahdem bil-***commission*** biss u fil-fatt zamm il-***commission*** miftehma ta' 10% mill-ammont miftiehem mieghu. L-istudenti kienu rrabjati hafna ghall-Time & Trade International Ltd. u mdejqin ghall-ahhar bil-fatt li Time & Trade International Ltd. kienu gidbulhom. Ippruvaw kemm-il darba jikkuntattjaw ma' Time & Trade International Ltd biex jippruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni izda sa dak in-nhar tas-seduta kienu ghadhom bla risposta. Fis-sittax (16) ta' Jannar uhud (9) mill-istudenti ma baqghux imorru ghal-lezzjonijiet u lanqas jghixu fir-residenza li kellhom gewwa d-Dean Hamlet Complex gewwa San Giljan. Naturalment avzaw immedjatament lill-awtoritajiet (dokument immarkat JB1). Fid-19 ta' Jannar 2006 il-hames studenti l-ohra wkoll hargu mir-

residenza u waqfu mill-lezzjonijiet. Regghu avzaw lill-awtoritajiet b'dak li kien gara (dokument immarkat JB2). B'kawza ta' li gara minhabba Time & Trade International Ltd, huma gew infurmati mill-awtoritajiet li lilhom ma kienux ser johorgulhom aktar ***visas*** ghall-studenti gejjin mill-Asja. Ma kienx hemm dubju li l-awtoritajiet ikkawtelaw ruhhom minhabba dak li kien gara u tilfu l-possibilta` li jmorrulhom studenti mill-Asja. Peress li l-korsijiet taghhom ivarjaw minn korsijiet qosra li jqumu ftit mijiet ta' Euros ghal ohrajn li jqumu diversi eluf ta' Euros, huma spiccaw tilfu mhux biss l-ispejjez li ghamlu (dokument JB3 sa JB7) izda wkoll id-dhul kollu li kienu qeghdin jaghmlu minn dak ir-regjun bl-isforzi taghhom ta' ***marketing***. Ghaldaqstant hargu ***invoice*** ta' spejjez u telf ta' Euros 1,500,000 lil Time & Trade International Ltd.

Gie prezentat affidavit ta' Antonello Cappitta li fih issemma li wara ftehim mad-ditta Time & Trade International Ltd, f'Settembru tas-sena 2005, 14-il student mill-Bangladesh kellhom jigu Malta biex jaghmlu kors ta' ***Buisness Management***. Wara li dawn l-istudenti kienu gew Malta biex jaghmlu l-kors f'Ottubru 2005 u dawn kienu kienu qalulhom li Time & Trade International Ltd. kienu weghduhom li meta jkunu Malta, huma setghu jahdmu waqt li jaghmlu l-kors, u kif ukoll li setghu jmorru fi kwalunkwe pajjiz iehor fl-Europa minghajr ebda xkiel, kif ukoll illi l-flus li hallsu kienu jkopru tliet snin shah. Dawn l-affarijiet kienu kollha ivvintati minn Time & Trade International Ltd. biex ihajru lill-istudenti jirregistraw ghall-kors. Skoprew ukoll minghand dawn l-istess studenti li Time & Trade International Ltd. li kellu jahdem bil-***commission*** biss u fil-fatt zamm il-***commission*** miftehma ta' 10% ghal kull registrazzjoni, zamm flus aktar mill-ammont proprja li kellu jzomm. Ikkonferma wkoll illi Time & Trade International Ltd. zammew il-kummisjoni mill-istess pagamenti li kienu ghamlu l-istudenti lilhom stess. B'hekk ix-xoghol kollu tal-***marketing*** li kienu ghamlu spicca fix-xejn u ghalhekk baghatu fattura ta' l-ispejjez u ta' telf ta' Euros 1,500,000 lil Time & Trade International Ltd, li kienu responsabbli b'dan l-agir taghhom.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher car li l-kreditu tas-socjeta` rikorrenti gie sufficjentement pruvat u li dan huwa dovut mis-socjeta` intimata Time & Trade International Limited. Huwa ovvju li meta l-imsemmija socjeta` ghamlet ftehim mas-socjeta` rikorrenti hija ntrabtet u obbligat ruhha li thallas kif suppost apparti mit-telf fid-dhul u danni konsegwenzjali.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tiddikjara lis-socjeta` Time & Trade International Limited inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali taghha u responsabbli ghad-danni li kkawzat lis-socjeta` rikorrenti.

Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` rikorrenti fis-somma msemmija fiz-zewg affidavits a fol 23 u 42 tal-process fl-ammont ta' Euros 1,500,000.

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas dawn id-danni u cioe` Euros 1,500,000.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata b'dan li provizorjament id-dritt tal-Kuraturi Deputati huwa a karigu tar-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------